MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Numru. 274/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Oglive Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Oglive Grima**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin Anthony u Anna neé Borg imwieled Pietà, fis-26 ta' Marzu 1991, u joqghod 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern Rnella, Blokk 8, Kalkara detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 207891(M) akkuzat talli:

1. fid-19 ta' Marzu 2013 f'xi hinijiet filghodu minn garaxx bin-numru 19 li jinsab fi Triq Sant Anna Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' ingenji/ilbies tal-bhejjem (fosthom tliet tustieri, erba' sdieri u tliet gharniezi) u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-valur li ma jeccediex l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euros u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Andrew Fenech minn Hal-Tarxien u/jew ta' persuni ohra;

2. fl-istess cirkustanzi u/jew zminijiet wara f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioé laqa' ghandu ingenji tal-bhejjem u/jew oggetti ohra liema oggetti kienu misruqa minn garaxx bin-numru 19, li jinsab fi Triq Sant Anna, Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer;

3. kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magt. Dr. A. Micallef Trigona LL.D) fit-22 ta' Awwissu 2012;

4. naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrati Dr. S. Demicoli LL.D. u Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D., b' digrieti datati 11 ta' Mejju 2012 u 02 ta' Awwissu 2012 u li permezz taghhom l-istess Oglive Grima nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

5. Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat imsemmi, tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datati 11 ta' Mejju 2012 u 2 ta' Awwissu 2012 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Oglive Grima kif ukoll, li tordna li s-somom ta' €30,000 u €3,500 bhala garanziji personali u d-depositu ta' €1,000 li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest u

jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Il-Qorti giet mitluba wkoll li, f'kaz ta' htija, titratta lill-imputat bhala li sar recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lilu u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 10).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 94).

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 93) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sal-31 ta' Lulju 2014 sabiex, jekk trid, tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat illi d-difiza ma pprezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet finali bil-miktub.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 14 *et seq.*) rigward l-

investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li gie rapportat minn Andrew Fenech fid-19 ta' Marzu 2013 li rrapporta li xi hadd mhux maghruf kien dahallu fil-garaxx tieghu u seraqlu ilbies taz-zwiemel *ossia* tlitt tustieri, erba' sdieri u tliet gharniezi. Jghid li dawn jiswew madwar seba' mitt Euro (€700.00). Jghid li kellu informazzjoni ta' min jorbot fuqha li l-imputat kien involut f'dan il-kaz u li wara li baghat ghall-imputat, l-imputat ammetta fl-istqarrijiet rilaxxati minnu l-involviment tieghu u li kien bieghhom lil ragel minn Haz-Zabbar ghall mitt Euro (€100.00). Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "SZ 1" sa "SZ 7" (*a fol.* 17 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn xehed rigward id-dokumenti li jinsabu *a fol.* 59 sa 81 tal-process.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehed ukoll **Andrew Fenech** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn qal li fid-19 ta' Marzu 2013, halla l-bieb fi Triq Sant'Anna fuq il-firoll u wara li rega' lura sab l-gharniezi, l-armar taz-zwiemel, mhux f'postu u b'hekk mar l-Ghassa tal-Pulizija u ghamel rapport li sabhom nieqsa. Jghid li dawn huma tal-gilda. Mistoqsi jghid kemm jiswew, iwiegeb li jiswew madwar €700.00-€800.00. Jghid li lill-imputat jafu tifel il-Kalkara. Jispjega li dakinhar li gew nieqsa l-affarijiet, l-imputat ghadda minn quddiemu u sellimlu.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2013, xehed l-i**Spettur Frank Sammut** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn ipprezenta vera kopji ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat, liema sentenzi gew moghtija mmarkati bhala Dok. "FS 1" (*a fol.* 36 *et seq.*) u Dok. "FS 2" (*a fol.* 39 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "SZ 1" – *a fol.* 17 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fil-21 ta' Marzu 2013, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat pero huwa ma hax dan id-dritt, meta l-imputat gie mistoqsi rigward xi serq ta' xi ingenji tal-bhejjem minn Hal Tarxien wiegeb: *"Minn ghalija kienu t-*

*tnejn jew it-tlieta li ghaddew ta' din il-gimgha kienu xi nofsinhar u mort Hal-Tarxien kont bil-mixi kien hemm garaxx miftuh ma kien hemm hadd go fih u kien hemm tliet gharniezi taz-zwiemel tal-ponijiet u tliet irjus li huma tustieri bir-reigni b'kollox tal-ponijiet u tfajthom go xkora li kienet gol-garaxx u hrigt il-barra u mort ghand wiehed bihom u beghetemlu 100 Euro"* (*a fol.* 17 u 18). Ma xtaqx ighid min kien dan il-persuna lil min biegh l-affarijiet. Mistoqsi jghid jekk ghandux problema ta' flus jew droga, wiegeb billi jghid li ghandu problema kbira. Mistoqsi jghid x'kulur huma l-gharniezi li seraq, ighid li huma suwed u li huma tal-gilda.

Illi, fl-istqarrija (Dok. "SZ 2" – *a fol.* 19 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fit-22 ta' Marzu 2013, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat pero huwa ma hax dan id-dritt, meta l-imputat rega' gie mistoqsi min hu l-persuna lil min biegh l-affarijiet li kien semma fil-gurnata ta' qabel, l-imputat qallu li ma riedx jghid. Jghid biss li dan huwa ragel li ghandu z-zwiemel minn Haz-Zabbar. Jghid li qallu li huma misruqin. Jghid li kien wahdu meta bieghhomlu u kien wahdu meta hallsu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bis-segwenti reati: serq (u numru ta' aggravji), ricettazzjoni, ksur ta' ordni ta' *probation*, ksur ta' kundizzjoni meta nghata l-liberta provizjorja, u recidiva. Dak li ser taghmel il-Qorti huwa li ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-imputazzjonijiet kollha wahda wahda.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Artikoli 261(c), 261(e), 261(g), 267, 269(g) u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi, taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat li seraq ilbies ta' bhejjem ghad-detriment ta' Andrew Fenech, liema serq huwa allegat li sar bil-kwalifiki tal-lok, tax-xorta tal-haga misruqa u tal-valur. Il-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra r-reat ta' serq *per se* u, f'kaz li dan jigi pruvat, tikkunsidra tliet kwalifiki msemmija.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Ufficjal Prosekutur jixhed fuq dak li rrizultalu mill-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tar-rapport li sar mill-parti leza Andrew Fenech. *Da parte* tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Spiridione Zammit jixhed li kellu informazzjoni ta' min joqghod fuqha li l-imputat kellu involviment fis-serq li gie rapportat minn Andrew Fenech. Il-parti leza Andrew Fenech, filwaqt li jixhed fuq dak li gie misruq lilu, ikkonferma li dakinhar li gew nieqsa l-affarijiet tieghu, l-imputat ghadda minn quddiemu u sellimlu. L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri u anqas

ressaq ebda provi. Minkejja dan, l-atti processwali jikkontjenu zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat[1].

Illi wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

> "Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-prova regina w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".

Illi, tenut ta' dak li ghadu kemm nghad u tenut kont tal-kontenut taz-zewg stqarrijiet[2] rilaxxati mill-imputat, fejn l-imputat ammetta l-involviment tieghu fis-serqa mertu tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat kien il-persuna li seraq l-affarijiet tal-parti leza. Huwa spjega kif sar dan is-serq u x'ghamel bl-affarijiet li seraq, cioé li bieghhom lil persuna li baqa' ma semmiex isimha.

Illi, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jigi misjub hati talli kkommetta r-reat ta' serq kif akkuzat fl-ewwel (1) imputazzjoni. Issa l-Qorti ser tikkunsidra, il-kwalifiki tal-lok, tax-xorta tal-haga misruqa u tal-valur.

---

[1] Dok. "SZ 1" (*a fol.* 17 *et seq.*) u Dok. "SZ 2" (*a fol.* 19 *et seq.*).
[2] *Ibid.*

Illi, fir-rigward tal-kwalifika tal-lok, il-Qorti tinnota li sub-Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li serq huwa kkwalifikat bil-lok jekk isir *"f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha"*. Jirrizulta mill-atti li dan is-serq sar minn garaxx li jinsab fi Triq Sant'Anna, Taxien. Minkejja li fix-xiehda moghtija mill-parti leza Andrew Fenech (*a fol.* 27), il-parti leza jghid li l-fondi bin-numri tmintax (18), dsatax (19) u ghoxrin (20) huma tieghu, minn imkien ma jirrizulta li l-garaxx minn fejn sar is-serq jaghmel parti mid-dar ta' abitazzjoni tal-parti leza li jghid li huwa l-fond bin-numru ghoxrin (20). Ghalhekk il-kwalifika tal-lok ma giex pruvat.

Illi, fir-rigward tal-kwalifika tal-xorta tal-haga misruqa, il-Qorti tinnota li Artikolu 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirritjeni li s-serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haġa misruqa a bazi ta' dawk l-affarijiet elenkati fl-artikolu msemmi. L-affarijiet misruqa mill-parti leza m'humiex part mill-affarijiet elenkati fl-Artikolu 271 imsemmi u ghaldaqstant il-kwalifika tax-xorta tal-haga misruqa ma giex pruvat ukoll.

Illi, fir-rigward tal-kwalifika tal-valur, il-Qorti tinnota li a bazi ta' Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, is-serq huwa kkwalifikat bil-valur, meta l-haġa misruqa tkun tiswa aktar minn €232.94. Tenut kont tal-affarijiet li gew misruqa u tenut kont ta' dak mismugh mill-Qorti, il-Qorti jirrizultalha li din il-kwalifika giet pruvata.

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu bil-kwalifika tal-valur biss.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni. Jirrizulta li din l-imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni u ladarba ser tinstab htija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi fit-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, *ossia* ordni ta' *probation*, moghti b'sentenza tat-22 ta' Awwissu 2012. Il-Qorti tinnota li fis-seduta tat-22 ta' April 2013, l-iSpettur Frank Sammut ezebixxa vera kopja ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Oglive Grima** (Dok. "FS 2" – *a fol.* 39 *et seq.*), f'liema sentenza l-isem u l-karta tal-identita' tal-persuna li fil-konfront taghha inghatat din is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u f'liema sentenza l-imputat kien inghata ordni ta' *probation* (kif jirrizulta mit-tielet (3) imputazzjoni) ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza fil-fatt inghatat fil-konfront tal-imputat odjern.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Spiridione Zammit xehed (*a fol.* 83 *et seq.*) li l-imputat diga gie gudikat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni b'sentenza moghtija fil-11 ta' Mejju 2013 minn Qorti ohra diversament preseduta. Dan mhux minnu peress illi mis-sentenza esebita *a fol.* 77 *et seq.*, liema sentenza nghatat fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna *stante* li l-konnotati tal-persuna imputata huma identici, jirrizulta li fis-sentenza moghtija fil-11 ta' Mejju 2013, il-Qorti diversament preseduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni identika ghat-tielet (3) imputazzjoni fil-kawza odjerna *stante* illi *"qed tigi trattata minn din il-Qorti diversament presjeduta f'proceduri separati"* (*a fol.* 79) u b'hekk ma hadet l-ebda provvedimenti fuqha.

Illi, in segwitu tal-fatt li jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata, ghall-motivi msemmija hawn fuq, m'hemmx dubju li anke t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet ukoll sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll.

**<u>Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi fir-raba' (4) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu, u cioé dik li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja, meta nghata l-

liberta' provizorja bid-digrieti datati 11 ta' Mejju 2012 u 2 ta' Awwissu 2012.

Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopji taz-zewg digrieti imsemmija, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "SZ 4" u "SZ 5" (*a fol.* 22 u 23), minn liema dokumenti jirrizulta li l-imputat kien Oglive Grima u l-Ufficjal Prosekuturi kienu l-iSpettur Robert Said Sarreo (fir-rigward ta' Dok. "SZ 4") u l-iSpettur James Grech (fir-rigward ta' Dok. "SZ 5"). Il-Qorti tinnota li fis-seduta tat-22 ta' April 2013 (*a fol.* 33), id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tharrek lill-iSpetturi Robert Said Sarreo u James Grech b'riferenza ghad-digrieti imsemmija u ghaldaqstant il-Qorti m'ghandu jibqghalha l-ebda dubju li Oglive Grima msemmi fiz-zewg digrieti huwa l-istess Oglive Grima fil-kawza odjerna.

Illi in segwitu tal-fatt li jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata, u b'hekk jirrizulta li l-imputat kkommetta delitt ta' natura volontarja waqt li kien mehlus mill-arrest, jirrizulta li r-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu giet ukoll sodisfacentement pruvata. Fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru hames (5) fic-*charge sheet*[3], il-Qorti tinnota li din hija talba sabiex il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat u sabiex s-somom ta' garanzija personali u depozitu jghaddu favur il-Gvern ta' Malta. Dwar dawn it-talbiet il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha aktar il-quddiem.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni il-Qorti qed tigi mitluba li titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopji taz-zewg sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "FS 1" (*a fol.* 36 *et seq.*) u Dok. "FS 2" (*a fol.* 39 *et seq.*), liema sentenzi nghataw fil-konfront ta' Oglive Grima. F'dawn iz-zewg sentenzi,

[3] *A fol.* 1.

l-isem u l-karta tal-identita' tal-persuna li fil-konfront taghha inghataw is-sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex dubju li dawn iz-zewg sentenzi nghataw fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi, fir-rigward tas-sentenza mmarkata bhala Dok. "FS 2" (*a fol.* 39 *et seq.*), jirrizulta li l-imputat nghata ordni ta' *probation*. Fis-sentenza moghtija fit-30 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zahra**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-*conditional discharge* jew il-perijodu ta' *probation*".

Ghaldaqstant, s-sentenza mmarkata bhala Dok. "FS 2" (*a fol.* 39 *et seq.*) mhijiex ser tigi kunsidrata *a fini* ta' recidiva. Minkejja dan, *a* bazi ta' dak li jirrizulta mill-fedina penali tal-imputat, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "B" (*a fol.* 6 *et seq.*), u a bazi ta' dak li jirrizulta mis-sentenza mmarkata bhala Dok. "FS 1" (*a fol.* 36 *et seq.*) m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigi kunsidrat bhala recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, is-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: imputazzjonijiet immarkati bin-numri wiehed (1) (minghajr il-kwalifiki tal-lok u tax-xorta tal-haga misruqa), tlieta (3), erba' (4), hamsa (5), u sitta (6).

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 6 *et seq.*) tal-imputat, in-natura tar-reati addebitati lilu u li gew pruvati, il-fatt li l-imputat kiser kundizzjoni f'zewg digrieti meta nghata liberta provizorja u l-fatt li l-imputat ser jigi trattat bhala recidiv. Jirrizulta mill-fedina

penali tal-imputat li l-imputat diga kiser dufrejgh mal-gustizzja diversi okkazzjonijiet u minkejja li nghata l-opportunita' li jirriforma ruhu huwa naqas milli jaghmel dan. M'hemmx dubju ghalhekk li l-imputat ghandu jinghata piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, ma ssibx lill-imputat hati, fuq nuqqas ta' provi, tal-kwalifiki tal-lok u tax-xorta tal-haga misruqa ndikati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u b'hekk tilliberah mill-kwalifiki msemmija tal-imputazzjoni msemmija u, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c), 267, 289, 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Oglive Grima hati tal-imputazzjoni immarkata bin-numru wiehed (1) [bil-kwalifika tal-valur **biss**], u tal-imputazzjonijiet immarkati bin-numri tlieta (3), erba' (4), hamsa (5) u sitta (6) u filwaqt li, fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3) taghzel li ma titrattax mal-imputat ghar-reati li taghhom kien inghata provediment a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjonijiet immarkati bin-numri wiehed (1) [bil-kwalifika tal-valur **biss**], erba' (4) u sitta (6) tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Fir-rigward tal-imputazjoni mmarkata bin-numru hamsa (5), il-Qorti qed tirrevoka d-Digriet tal-11 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 22) u d-Digriet tat-2 ta' Awwissu 2012 (*a fol.* 23) moghti minn din il-Qorti kif diversament preseduta fejn l-imputat gie moghti l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat.

In vista tat-terminu ta' prigunerija li qed jigi impost fuq l-imputat ghar-reati li taghhom huwa nstab hati, il-garanzija personali fil-valur ta' € 3,500 (tlitt'elef u hames mitt Euro) u € 30,000 (tletin elef Euro) u d-depozitu ta' € 1,000 (elf Euro) moghtija mill-imputat ghall-fini tal-helsien mill-arrest tieghu koncess bid-Digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 11 ta' Mejju 2012 u 2 ta' Awwissu 2012, ma ghandhomx jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja fir-rigward ta' sahhtu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------